MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Numru. 793/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**

**VS**

**SIMONE MICALLEF**

**Illum 27 ta' Ottubru 2011**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Simone Micallef, ta' 43 sena, imwielda Pieta', nhar id-29 ta' April 1967, bint Joseph u Nenigna nee' Zammit u residenti, 18,

MSM3, Triq l-Affreski, Rabat, detentrici tal-karta tal-Identita' Numru 189267 (M);

Talli:

1) Nhar id-19 ta' Awwissu 2008, gewwa 3, Triq Mons. G. Frendo, Qormi u fi nhawi ohra f'dawn il-gzejjer Maltin tat xhieda falza, f'materja civili, meta ghamlet affidavit falz, kemm jekk f'Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li kienet taf li l-affidavit kien mehtieg jew mahsub ghal procedure civili f'Malta;

2) Nhar l-4 ta' Marzu 2009 u fit-13 ta' April, 2009, u gewwa l-bini tal-Qorti fi Triq ir-Repubblika, l-Belt, Valletta, tat xhieda falza fi proceduri kriminali dwar reat, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkuzata.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputata kienet ghamlet affidavit quddiem Nutar, fejn qalet illi hi giet inkarigata minn certa Jael Cassar sabiex issegwi lir-ragel taghha, Robert Cassar, meta dan ikun mat-tifla minuri taghhom. In parentesi, ghandu jigi rilevat li Robert u Jael konjugi Cassar qeghdin f'kawza ta' separazzjoni personali. F'dak l-affidavit, l-imputata qalet li hi rat lil Robert Cassar isuq il-vettura tieghu m'mod traskurat

ghall-ahhar u perikoluz, u li dak il-hin kellu mieghu lit-tifla. Dan l-affidavit sussegwentement gie ppresentat f'kawza civili, presumibbilment fil-kawza ta' separazzjoni. Fl-istess perijodu, l-imputata kienet xehdet ukoll quddiem il-magistrat Saviour Demicoli f'kawza kriminali kontra l-istess Robert Cassar, fejn qalet li kienet ratu isuq il-vettura tieghu b'mod perikoluz kif gia' spjegat il-Qorti hawn fuq. Fi kliem iehor, ix-xiehda li tat quddiem il-magistrat *viva voce* kienet l-istess testimonjanza ta' dak li kienet xehdet b'affidavit. Il-Pulizija, izda, kienet investigat dan l-incident, u rrisulta li l-imputata kienet tat xiehda falza, kemm fl-affidavit kif ukoll quddiem il-magistrat Demicoli. Ghalhekk inbdew dawn il-proceduri kontra taghha permezz ta' din il-kawza.

Mil-provi prodotti rrisulta li huwa minnu li l-imputata ghamlet affidavit bil-kontenut kif indikat. Hi qalet li Jael Cassar kienet inkarigatha biex issegwi lir-ragel taghha u tara l-imgieba tieghu meta jkun mat-tifla. Ghalhekk, fl-affidavit taghha, l-imputata qalet li kienet bidet issegwi lil Robert Cassar u rat lit-tifla titla' fil-karozza ta' missierha, li kien gabarha mill-Ghassa ta' B'Kara, u dan beda jsuq b'mod perikoluz ghall-ahhar. Hi qalet li f'temp ta' ftit minuti, kien saq minn B'Kara sal-Gudja. Dan gara fis-16 ta' Awwissu, 2008, ghall-habta tal-

10.00am. Din l-istorja hija regghet xehditha *viva voce* quddiem il-magistrat
Demicoli f'kawza li l-Pulizija mexxew kontra Robert Cassar, fejn gie akkuzat li saq b'mod traskurat u perikoluz fl-istess data, lok u hin indikati.

Irrizulta wkoll mil-provi illi fl-istess data u hin li l-imputata suppost kienet qed issegwi lil Robert Cassar jigri bil-

vettura tieghu, hi fil-fatt kienet wieqfa fil-vettura taghha barra t-triq ta’ fejn kienet tghix omm Cassar. Hi kienet qed tistaqsi ghall-indirizz ta’ ommu, biex taghmilha li qisha qed tistenna li tigbor lil xi persuni minn dak l-istess indirizz, bhal servizz ta’ trasport privat bil-kera. Dan irrisulta minn diversi xhieda tal-Prosekuzzjoni, u jfisser b’mod car u lampanti li l-imputata ma xehdetx il-verita’ meta’ ghamlet l-affidavit u meta xehdet quddiem il-Qorti fil-kawza kriminali kontra Robert Cassar fis-seduta tat-traffiku. Huwa impossibbli li persuna tkun fizikament f’zewg postijiet differenti u ‘l boghod minn xulxin fl-istess mument ta’ hin.

Il-Prosekuzzjoni ressqet bhala provi lill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Elton Taljana, lil Robert Cassar u lil ohtu Ruth Cassar, lil ommu Sapienza Cassar, u lil terzi xhieda okulari, flimkien ma’ diversi dokumenti. L-Ispettur Taljana spjega kif il-Pulizija waslet ghall-investigazzjoni odjerna. Hu qal li fis-16 ta’ Awwissu 2008, Ruth Cassar u ommha rrapportaw liftit wara l-10.00am kien hemm persuna b’vann BVY 001 qed tistaqsi ghar-residenza tagghom, u bezghu ghax ftit tax-xhur qabel kienu gew derubati mill-banka tal-lottu li kellhom. Irrisulta li f’dan il-vann kien hemm l-imputata Simone Micallef, li kienet qed tistaqsi ghad-dar ta’ Cassar. L-Ufficjal kompla billi qal li Micallef kienet ghamlet affidavit quddiem in- nutar Dorianne Arpa fid-19 ta’ Awwissu 2008, fejn qalet li nhar is-16 ta’ Awwissu, ghall-habta tal-10.00am, rat lil Robert Cassar isuq il-vettura tieghu b’velocita’ eccessiva u b’periklu ghall-minuri li kienet riekba mieghu. Ghalhekk kien impossibbli li Micallef kienet f’zewg postijiet fl-istess hin.

Fix-xiehda tieghu Robert Cassar qal li l-imputata kienet xehdet fil-kawza kriminali kontra tieghu quddiem il-magitrat Demicoli fejn ikkonfermat dak li qalet fl-affidavit taghha, li Cassar kien saq il-vettura tieghu b’periklu ghal bintu

li kienet riekba mieghu, b'velocita' eccessiva u jaqbez il-karreggati biex jaqla' l-vetturi quddiemu. Hu qal li veru telaq minn B'Kara fl-10.00am, bit-tifla fuq wara, u veru segwewh xi nies f'vettura tat-tip Renault Megane, izda ma kienx hemm l-imputata f'dik il-vettura, u wasal il-Gudja kwazi nofs siegha wara.

Ohtu Ruth Cassar qalet li rat lill-imputata nhar is-16 ta' Awwissu ghal xi l-10am fejn il-banka tal-lottu fejn kienet tahdem fil-vicinanzi tad-dar t'ommha, issaqsi ghall-indirizz fejn kienet toqghod ommha, ghax l-imputata qalet li kellha tigbor lil xi nies u tehodhom fejn riedu jmorru. Ruth Cassar qaltilha li f'dak l-indirizz tghix ommha u zgur li m'ghandha bzonn l-ebda trasport ghal imkien. Cassar kienet ghamlet rapport lill-Pulizija fuq dan, ghax bezghet peress illi xi ftit taz-zmien qabel kien twettaq "hold up"mill-istess banka tal-lottu, u hasbet li seta' jerga' jigri xi haga lilha jew lil tad-dar.

Din ix-xiehda taghha giet korroborata in parte minn Joyce Calleja, li fis-16 ta' Awwissu kienet fejn hanut u rat u gharfet lil Simone Micallef bhala xufiera tal-Minibuses. Staqsietha riedetx xi haga u l-imputata tatha l-isem ta' triq fil-Gudja, izda x-xhud ma ftakretx ghal liema triq staqsiet. Ghalhekk it-tnejn marru lejn il-banka tal-lottu fejn kienet tahdem Ruth Cassar. Ma ftakretx aktar dettalji minn hekk. Madankollu hemm prova li Micallef kienet il-Gudja bil-vann imsemmi dakinhar, u mhux qed issegwi lil Robert Cassar kif qalet.

Ix-xhud Emanuel Borg ikkonferma li fis-16 ta' Awwissu Joyce Calleja kienet staqsietu ghal xi isem ta' Triq il-Gudja, u jiftakar li maghha Calleja kellha mara ohra u li flimkien marru f'vann abjad lejn il-banka tal-lottu, pero' ma gharafx b'certezza lill-imputata bhala l-mara li kienet ma' Calleja.

Giet prodotta wkoll Shona Mifsud, li tigi oht Jael Cassar, li ma ftakret proprju xejn minn dak li gara dakinhar. Mifsud allegatament kienet fir-Renault Megane ma’ Grace Gatt isegwu lil Robert Cassar minn B’Kara sal-Gudja, izda din ma giet ikkorroborata minn ebda prova ohra. Grace Gatt ukoll giet prodotta izda ghazlet li ma tixhedx minhabba procedure penali ohra li hemm pendenti.

Omm Robert Cassar xehdet ukoll, u kkonfermat li dakinhar kienet rat lil Simone Micallef barra d-dar taghha qed tistenna fil-vann, u gewha suspetti peress illi xi ftit taz-zmien qabel kellhom serqa mil-banka tal-lottu. Hi spjegat kif dan il-vann saq ftit ‘il fuq, u mbaghad telaq ghal kollox meta gie binha Robert bit-tifla ghal xi l-10.30am. Hi kienet gharfet lil Simone Micallef bhala x-xufiera tal-vann, u maghha kellha lil Joyce Calleja u lil xi hadd iehor.

L-imputata ghazlet li ma tixhedx in difesa, u fl-istqarrija taghha esebita fl-atti a fol. 21 tal-process, hi ghazlet li ma tirrispondi ghal ebda domanda li saretilha. Ghalhekk il-Qorti qed tistrih fuq il-provi tal-Prosekuzzjoni, liema provi kienu korroborattivi u ma gewx kontradetti.

**Ikkunsidrat;**

Illi minn dan kollu huwa evidenti li d-dikjarazzjoni tal-imputata u x-xiehda li hi tat fil-Qorti hija kollha *‘messa in scena’*, u m’ghandux ghalfejn wiehed ikun professur tal-intuwizzjoni biex jinduna x’kien l-iskop ta’ dan kollu. L-imputata giet imqabbda minn Jael Cassar biex tigbor informazzjoni fuq ir-ragel taghha, biex din tintuza fil-proceduri ta’ separazzjoni fil-Qorti tal-Familja, fejn hu

risaput li l-kawzi hemm huma kumbattuti sal-ahhar qatra demm bejn il-partijiet. Jidher, izda, li l-informazzjoni li l-imputata tat fix-xiehda taghha kienet kollha fazulla, u intenzjonata biss biex tqieghed lil Robert Cassar f'dawl ikrah f'ghajnejn il-Qorti halli jinkiseb xi dritt jew vantagg ghal martu fil-kawza ta' separazzjoni.

Din il-Qorti kif presjeduta ghandha issa xi ftit ta' esperjenza ta' battalji bejn koppja mizzewga, u taf li jezistu hafna konguri biex parti tiehu xi vantagg fuq il-parti l-ohra f'dak li hu access ghall-wild minorenni, jew dritt ta' proprjeta' fuq immobbli, jew kwalunkwe dritt iehor. Huwa ta' spiss hafna li jintuzaw rapporti u kawzi kriminali kontra parti jew l-ohra sabiex xi sentenza jew kundanna eventwali tintuza kontra l-parti fil-proceduri civili. U jidher li kienet proprju din l-intenzjoni li kellha l-imputata, li taghti informazzjoni lil Jael Cassar biex tintuza fil-kawza ta' separazzjoni.

Diga' hija hasra li koppja taghzel it-triq ta' separazzjoni, meta din iggib tant animosita' bejn il-partijiet. Hija hasra akbar meta fl-istess proceduri, jizzeffnu fin-nofs it-tfal tal-mizzewgin, kultant anke intenzjonalment, biex bil-pika u bil-vendikazzjoni tinkiseb rebha. Izda huwa livell hafna aktar baxx u viljakk li tinghata xiehda falza f'kawza ta' separazzjoni, biex wiehed jew l-iehor jikseb vantagg fuq in-naha l-ohra. Li persuna tippresta ruhha biex taghti xiehda falza minghajr skrupli ta' xejn, minghajr kaz tal-valur ta' gurament, u f'kawza tant sensittiva bhal dik ta' separazzjoni, huwa ghal kollox inaccettabbli, intollerabbli, u kundannabbli ghall-ahhar. Diga' huwa hazin hafna li persuna taghti xiehda falza taht gurament, izda huwa hafna aghar li persuna intenzjonalment tixhed falz bl-iskop li tikseb vantagg ghall-mandant taghha, bhal mercenarju fl-aghar sens tal-kelma. L-istituzzjoni tal-Qrati tal-Gustizzja tezizti biex tinkixef il-verita u tinghata sentenza li tkun

taghmel haqq bejn il-partijiet. Izda li jezistu persuni li huma lesti jithallsu biex il-gustizzja tigi stultifikata apposta huwa barra minn kull sens ta' principju u ta' etika.

U ghalhekk li l-Qorti thares lejn kawzi bhal dawn b'severita' kbira. Din il-Qorti ma tista' qatt thalli min jipprova jikseb vantagg ghalih jew ghal haddiehor billi jixhed il-falz intenzjonalment, u konxju li parti ser tbati ingustizzja sancita mill-istess Qorti. Mela meta din il-makkinazzjoni tinkixef, allura l-Qorti ghandha tikkundanna lil dik il-persuna ghall-piena l-aktar severa possibbli.

Illi ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-imputata ghandha tinstab hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha. Kwantu ghall-piena, l-Artikoli indikati jipprefiggu massimu ta' sentejn prigunerija ghal kull reat, flimkien mal-interdizzjoni generali. Il-Qorti ghalhekk sejra taghti l-piena ta' sentejn prigunerija effettivi – u mhux sospizi – u sejra tassorbi l-piena ghaz-zewg reati f'wahda, ghax hi tal-fehma li reati bhal dawn jimmeritaw prigunerija effettiva. Huwa abbuz serju tas-sistema guridika li parti f'kawza tivvanta li tikseb vantagg fuq il-parti l-ohra billi tinqeda b'xiehda falza, bl-intenzjoni cara li tqarraq bil-Qorti u tistultifika r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li  rat l-Artikoli 106 (1), (3), 105 u 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija Simone Micallef, hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghha, tikkundannaha ghal sentejn (2) prigunerija.

Il-Qorti, inoltre, qieghda tordna l-interdizzjoni generali tal-imputata kif ukoll l-interdizzjoni milli sservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u milli sservi bhala perit, ghall-perijodu ta’ ghaxar (10) snin.

Il-Qorti, spejgat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------